EUROPEAN COMMISSION

Brussell; 27.1.2012
SEC(2012) 91 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

# GWIDA OPERAZZJONALI GĦALL-IVVALUTAR TAL-IMPATTI FUQ IL-KOMPETITTIVITÀ SETTORJALI FI ĦDAN IS-SISTEMA TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT TAL-KUMMISSJONI

**Għodda ta' "Prova ta' Kompetittività" għall-użu fil-Valutazzjonijiet tal-Impatt**

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

# GWIDA OPERAZZJONALI GĦALL-IVVALUTAR TAL-IMPATTI FUQ IL-KOMPETITTIVITÀ SETTORJALI FI ĦDAN IS-SISTEMA TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT TAL-KUMMISSJONI

## Għodda ta' "Prova ta' Kompetittività" għall-użu fil-Valutazzjonijiet tal-Impatt


**1. Introduzzjoni**........................................................................ Error! Bookmark not defined.

**I. Il-Bidu**..............................................................................Error! Bookmark not defined.

Pass 1. Il-valutazzjoni tal-impatt tiegħek teħtieġ analiżi speċifika tal-impatti fuq il-kompetittività settorjali? ............................................**Error! Bookmark not defined.**

Pass 2. Kemm għandna nidħlu fil-fond? .................................**Error! Bookmark not defined.**

**II. Skrinjar Kwalitattiv**............................................................Error! Bookmark not defined.

Pass 3. Liema huma s-setturi affettwati?..................................**Error! Bookmark not defined.**

Pass 4. X'inhu l-effett fuq il-kompetittività tal-SMEs? ...........**Error! Bookmark not defined.**

Pass 5. X'inhu l-effett fuq il-kompetittività tal-ispejjeż u l-prezzijiet?**Error! Bookmark not defined.**

Pass 6. X'inhu l-effett fuq il-kapaċità tal-intrapriżi għall-innovazzjoni?**Error! Bookmark not defined.**

Pass 7. X'jista' jkun l-effett fuq il-kompetittività internazzjonali tas-settur?**Error! Bookmark not defined.**

**III. Il-kwantifikazzjoni tal-impatti: is-sorsi tad-dejta** ............Error! Bookmark not defined.

Pass 8: Ipprovdi evidenza dwar l-istruttura u l-prestazzjoni tas-settur(i) affettwat(i) direttament ................................................................**Error! Bookmark not defined.**

Pass 8a: Ħu kont tal-istudji settorjali u evalwazzjonijiet *ex post* eżistenti**Error! Bookmark not defined.**

Pass 8b: Aġġorna dejta eżistenti...............................................**Error! Bookmark not defined.**

Pass 9: Tipprovdi evidenza ta' dejta dwar setturi affettwati indirettament**Error! Bookmark not defined.**

Pass 10: Ikkwantifika konformità addizzjonali u/jew spejjeż operazzjonali relatati mal-inizjattiva vvalutata ...................................................**Error! Bookmark not defined.**

Pass 11: Ikkwantifika l-impatti mistennija fuq il-kapaċità tal-intrapriżi affettwati għall-innovazzjoni ..............................................................**Error! Bookmark not defined.**

Pass 12: Ikkwantifika l-impatti mistennija fuq il-kompetittività internazzjonali tas-setturi affettwati ....................................................................**Error! Bookmark not defined.**

**Anness 1: Illustrazzjonijiet ta' eżami analitiku kwalitattiv tal-impatti tal-Kompetittività …..……..29**

**Anness 2: Sorsi ta' dejta għal analiżi kwantitattiva ……………………………………..33**

## 1. INTRODUZZJONI

L-għan ta' din l-għodda huwa li tgħin lis-servizzi janalizzaw l-impatti fuq il-kompetittività settorjali meta jwettqu l-valutazzjoni tal-impatt ta' proposta ta' politika ġdida.

Is-sistema ta' Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni hija bbażata fuq approċċ integrat, li janalizza kemm il-benefiċċji kif ukoll l-ispejjeż, u jindirizza l-impatti sinifikanti kollha ekonomiċi, soċjali u ambjentali ta' inizjattivi ġodda possibbli. L-analiżi ta' impatti differenti għandha tkun proporzjonata mas-sinifikat kwantitattiv, kwalitattiv u politiku tagħhom. Għandhom jiġu evitati sforzi analitiċi li ma jwasslux għal aktar għarfien jew ma jbiddlux il-konklużjonijiet jew ir-robustezza tagħhom.[1]

Il-Linji Gwida tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni (2009) jipprovdu gwida ġenerali dwar dawn il-kwistjonijiet. Jenfasizzaw ukoll li meta jiġu identifikati l-impatti ekonomiċi, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-fatturi li huma ġeneralment meqjusa li huma importanti għall-produttività, u għalhekk għall-kompetittività tal-UE. Il-kompetittività hija miżura tal-kapaċità ta' ekonomija li tipprovdi lill-popolazzjoni tagħha bi standards għolja ta' għajxien li qed jogħlew u rati għolja ta' impjieg fuq bażi sostenibbli. Il-kompetizzjoni qawwija f'ambjent ta' appoġġ għan-negozju hija motivatur ewlieni tat-tkabbir fil-produttività u l-kompetittività.[2] Għal dan il-għan, il-Linji Gwida diġà fihom sett ta' mistoqsijiet speċifiċi relatati mal-kompetittività fit-taqsima dwar l-impatti ekonomiċi.[3]

***L-Artikolu 173(1) tat-TFUE***

L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu l-kundizzjonijiet neċessarji għall-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni.

Għal dan l-għan, skont is-sistema ta' swieq miftuħa u kompetittivi, l-azzjoni tagħhom għandha tfittex li:

- tħaffef l-adattament tal-industrija għal bidliet strutturali,
- tinkoraġġixxi ambjent favorevoli għall-inizjattiva u għall-iżvilupp tal-impriżi fi ħdan l-Unjoni kollha, partikolarment ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju,
- tinkoraġġixxi ambjent favorevoli għall-kooperazzjoni bejn l-impriżi,
- tikkoltiva l-isfruttament aħjar tal-potenzjal industrijali tal-politika ta' innovazzjoni, riċerka u żvilupp teknoloġiku.

Din l-għodda tikkumplimenta l-Linji Gwida tal-2009 biex titjieb aktar il-kapaċità tas-servizzi li janalizzaw kwistjonijiet relatati mal-kompetittività bir-reqqa u b'mod proporzjonat. Bħal fil-każ ta' dokumenti oħra li joffru gwida aktar preċiża dwar impatti speċifiċi[4], la tistabbilixxi

---

1 Ara l-Linji Gwida tal-Valutazzjoni tal-Impatt, it-taqsima 3.2.
2 Ibid., l-Anness 8.
3 Ara l-Linji Gwida tal-Valutazzjoni tal-Impatt, it-taqsima 8.2. It-tabella 1 'Impatti Ekonomiċi' p. 33-34
4 Ara pereżempju L-Gwida għall-Valutazzjoni tal-Impatti Soċjali fi ħdan is-Sistema tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni u l-Gwida Operazzjonali dwar it-Teħid Inkunsiderazzjoni tad-Drittijiet

rekwiżiti ġodda u lanqas ma tistabbilixxi l-preferenza għal metodu analitiku wieħed partikolari.[5] Tissuġġerixxi biss b'mod mhux eżawrjenti modi u għodda li permezz tagħhom jistgħu jiġu indirizzati impatti speċifiċi fuq il-kompetittività settorjali. Minħabba d-diversità tal-impatti u l-gruppi affettwati u l-ispejjeż ta' analiżi dettaljata, iridu jsiru għażliet metodoloġiċi pragmatiċi u jiġu ġġustifikati b'mod xieraq każ b'każ, bl-għan aħħari jkun li tkun żgurata l-kwalità suffiċjenti tal-analiżi ġenerali tal-valutazzjoni tal-impatt. M'hemmx approċċ ta' universalità. Il-kwalità tal-valutazzjoni tal-impatt, inkluża l-valutazzjoni tagħha tal-impatti tal-kompetittività jiddependu fuq il-kompetenzi tat-tim u l-konsultazzjoni xierqa fi ħdan il-Grupp ta' Tmexxija tal-Valutazzjoni tal-Impatt u mal-partijiet interessati.

Il-provvediment ta' valutazzjoni xierqa ta' dawn l-impatti huwa applikazzjoni diretta tal-prinċipju ta' analiżi proporzjonata u integrata. Dan huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Art. 173 TFUE u jirrispondi għall-impenn tal-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar Politika Industrijali "li jiġi żgurat li l-proposti politiċi kollha b'effett sinifikanti fuq l-industrija jgħaddu minn analiżi kumplessiva għall-impatti tagħhom fuq il-kompetittività". L-analiżi tal-impatti fuq il-kompetittività (imsejħa "prova ta' kompetittività") titwettaq permezz tal-proċess eżistenti ta' valutazzjoni tal-impatt, fost l-oħrajn billi "jiġu vvalutati u rrapportati l-impatti globali ta' proposta fuq il-kompetittività, inklużi l-investiment, l-ispiża, il-prezz u l-implikazzjonijiet innovattivi għall-industrija u s-setturi individwali kif ukoll għas-sodisfazzjoni tal-konsumatur u waqt li jitqiesu l-interazzjonijiet potenzjali bejn proposta ta' politika u leġiżlazzjoni u regolamenti oħra eżistenti jew ippjanati".[6]

Filwaqt li fl-approċċ integrat għall-valutazzjoni tal-impatt l-ispejjeż u l-benefiċċji **kollha** għandhom jitqiesu b'mod xieraq, il-perspettiva aggregata jista' jkun li għandha tiġi kkumplimentata b'waħda aktar settorjali li tiffoka fuq l-impatt speċifiku tal-inizjattiva fuq setturi ta' attività ekonomika.[7]

L-għanijiet tal-prova ta' kompetittività huma:

(1) Li titjieb aktar il-kwalità analitika tar-rapporti ta' valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tal-impatti fuq il-kompetittività;

(2) Li jiġu ffaċilitati d-disinni ta' politiki li jikkunsidraw b'mod sħiħ l-impatti tal-kompetittività, fid-dawl tas-set globali ta' għanijiet tagħhom.

L-għan tal-prova ta' kompetittività mhuwiex li jagħti piż sproporzjonat lill-impatti settorjali fil-valutazzjoni globali tal-impatti. L-intenzjoni hi li ssir analiżi aktar fil-fond li tippermetti lil dawk li jfasslu l-politika li jaraw aħjar l-impatti tal-proposta fuq il-kompetittività tan-negozju.

L-għan ta' din il-gwida hu li joffri appoġġ operazzjonali lit-tims tal-valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tal-impatti fuq il-kompetittività. Hija ġabra li tissodisfa t-talba tagħhom għal mod aktar strutturat ta' kif jiġu vvalutati tali impatti. Il-gwida tindika l-passi prinċipali u l-mistoqsijiet li wieħed jista' jistaqsi meta jwettaq prova ta' kompetittività. Fiha 12-il pass konsekuttiv irranġati fit-tliet taqsimiet li ġejjin (ara t-tabella hawn isfel):

---

Fundamentali fil-Valutazzjonijiet tal-Impatt tal-Kummissjoni f'**http://ec.europa.eu/governance/impact/key_docs/key_docs_en.htm**

[5] Notevolment analiżi settorjali vs valutazzjonijiet aktar kumplessivi tal-impatti permezz ta' mudelli ġenerali ta' ekwilibriju u simili.

[6] KUMM(2010) 614 "Politika Industrijali Integrata għall-Era tal-Globalizzazzjoni: Il-Kompetittività u s-Sostenibilità fix-XenaPrinċipali", p. 5

[7] Din il-gwida tuża l-kunċetti ta' setturi, industriji, intrapriżi u kunċetti relatati tal-kompetittività tal-intrapriża jew negozju settorjali jew industrijali b'mod alternat. L-approċċ settorjali m'għandux jiġi interpretat bħala li jiffoka fuq settur magħżul wieħed jew ftit minnhom. Dan aktar jimplika li l-impatt aggregat ta' proposta jqis l-impatti negattivi u pożittivi fuq il-kompetittività tas-setturi kollha affettwati b'mod dirett jew indirett kif ukoll il-kapaċità tagħhom li jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda.

**Taqsima I**, *Il-Bidu*, tgħin biex wieħed jifhem aħjar l-għanijiet kif ukoll l-ambitu u l-għodda għall-valutazzjoni tal-impatti fuq il-kompetittività settorjali.

**Taqsima II**, *Skrinjar Kwalitattiv*, tgħin biex jiġu identifikati liema huma l-impatti l-aktar rilevanti fuq il-kompetittività tas-setturi industrijali fil-każ ta' inizjattivi speċifiċi.

**Taqsima III**, *Il-Kwantifikazzjoni tal-impatti: sorsi tad-dejta*, tirreferik għal sorsi utli għal analiżi kwantitattiva.

Kull taqsima tidentifika diversi *passi fakultattivi biex jitwettaq kompitu separat* għall-valutazzjoni tal-impatt fuq il-kompetittività settorjali. Din l-istruttura modulari tal-għodda għandha l-għan li tipprovdi gwida pass pass, iżda wkoll bi flessibbiltà biżżejjed biex wieħed jaqbeż dawk il-partijiet li jikkunsidra anqas rilevanti għall-valutazzjoni tal-impatt tiegħu b'konformità mal-prinċipju ta' analiżi proporzjonata.

**Appoġġ**

Mistoqsijiet jew feedback dwar l-applikazzjoni ta' din il-gwida jistgħu jintbagħtu lill-helpdesk dwar il-prova ta' kompetittività fid-DĠ ENTR permezz **tal-indirizz elettroniku funzjonali** tagħha.

ENTR COMPETITIVENESS IMPACT HELPDESK

It-timijiet tal-valutazzjoni tal-impatt jistgħu jirreferu wkoll għall-materjali u l-links miġbura fis-sit elettroniku "prova ta' kompetittività": http://myintracomm.ec.europa.eu/entr/howwemanage/decisionmaking/Pages/default.aspx, fejn jistgħu jaqsmu l-esperjenza u l-ideat tagħhom ma' kollegi oħra tal-valutazzjoni tal-impatt u jgħinu lill-helpdesk dwar il-prova ta' kompetittività tagħmel din il-gwida aktar ta' għajnuna u operazzjonali.

**Eżempji tajba** ta' valutazzjoni tal-impatt ta' proposti ġodda fuq il-kompetittività industrijali li jistgħu jinspiraw l-analiżi tiegħek jistgħu jinsabu f'**Best Practice Library** (Il-Librerija tal-Aħjar Prattiki).

## I. IL-BIDU

Qabel ma tibda, għandek tiddeċiedi:

1) **L-ewwel nett, il-valutazzjoni tal-impatt tiegħek teħtieġ analiżi speċifika tal-impatti fuq il-kompetittività settorjali? U jekk iva:**
2) **X'inhu l-livell proporzjonat ta' din l-analiżi?**

Dawn iż-żewġ mistoqsijiet huma indirizzati fiż-żewġ passi konsekuttivi msemmija hawn taħt.

| **Pass 1. Il-valutazzjoni tal-impatt tiegħek teħtieġ analiżi speċifika tal-impatti fuq il-kompetittività settorjali?** |
|---|

*L-għan ta' dan il-pass huwa biex jgħinek tifhem jekk hijiex meħtieġa jew le analiżi ta' dan it-tip ta' impatti (jekk taf l-elementi bażiċi u tikkonkludi li l-valutazzjoni tal-impatt tiegħek jeħtieġ li tħares lejn l-impatti fuq il-kompetittività settorjali, tista' taqbeż dan il-pass u tmur direttament għall-Pass 2).*

Kif jagħmel ċar il-prinċipju ta' analiżi proporzjonata, mhux il-valutazzjonijiet tal-impatt kollha jeħtieġu analiżi speċifika dwar il-kompetittività settorjali. Dan huwa rifless fil-Komunikazzjoni Ewlenija dwar il-Politika Industrijali fejn il-Kummissjoni impenjat ruħha li "... jiġi żgurat li l-proposti politiċi kollha b'effett sinifikanti fuq l-industrija jgħaddu minn analiżi kumplessiva għall-impatti tagħhom fuq il-kompetittività. Eżempji ta' tali miżuri huma leġiżlazzjoni ġdida dwar is-suq intern, regolamenti maġġuri dwar is-suq finanzjarju, li jistgħu jaffettwaw l-aċċess għall-finanzi, u leġiżlazzjoni ġdida dwar it-tibdil fil-klima jew ambjentali."[8]

Għalhekk, sabiex tiġi kkumplimentata il-valutazzjoni integrata tal-impatti kollha ta' proposta ġdida, analiżi settorjali tista' tkun utli biex tidentifika kif il-proposta taffettwa s-setturi differenti, u jekk setturi speċifiċi humiex affettwati b'mod partikolari. Dan il-pass jipproponi għodda faċli għall-utent biex jiddeċiedi jekk il-valutazzjoni tal-impatt ta' proposta ta' politika ġdida teħtieġx analiżi speċifika tal-impatti fuq il-kompetittività settorjali mingħajr ma tippreġudika l-għażla ta' metodoloġija għal dan.

Għalhekk, l-ewwel mistoqsija li trid tiġi mwieġba hija jekk inizjattiva aktarx ikollhiex effett sinifikanti fuq il-kompetittività settorjali jew le. B'mod ġenerali, l-inizjattivi tal-UE għandhom impatt fuq il-kompetittività meta jaffettwaw mill-anqas wieħed minn dawn li ġejjin:

- Il-kapaċità ta' settur li jipproduċi prodotti bi spiża anqas u/jew joffrihom bi prezz aktar kompetittiv (kompetittività fir-rigward tal-ispejjeż/prezzijiet) – l-ispiża tal-operazzjonijiet ta' intrapriża jinkludu l-ispiża tal-inputs (inklużi r-riżorsi u l-enerġija) u l-fatturi tal-produzzjoni, li jistgħu jkunu direttament jew indirettament affettwati mill-proposta ta' politika.

---

8 KUMM(2010) 614 "Politika Industrijali Integrata għall-Era tal-Globalizzazzjoni: Il-Kompetittività u s-Sostenibilità fix-Xena Prinċipali", p. 5

- Il-kwalità jew l-oriġinalità tal-provvista ta' oġġetti jew servizzi ta' settur (il-kompetittività innovattiva) – l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni (ta' prodotti u/jew proċessi) huma ta' importanza primarja kemm għall-ispiża tal-inputs kif ukoll għall-valur tal-outputs.

- Kompetizzjoni effettiva fis-suq u aċċess mhux imxekkel għas-swieq esterni inklużi dawk tal-inputs u l-materjali, tal-akkwist pubbliku, eċċ.

- L-ishma tas-suq tas-settur fuq is-swieq internazzjonali

Il-kompetittività settorjali hija relatata direttament mal-**produttività u d-determinanti sottostanti tagħha**. It-tkabbir fil-produttività huwa ddeterminat mill-bidliet fil-kwalità u l-kwantità tal-inputs u l-progress teknoloġiku – jiġifieri, **it-tendenza** ta' settur **għall-innovazzjoni**. It-tkabbir fit-tul fl-istandards tal-għajxien huwa ddeterminat mill-kapaċità tan-nazzjon jew id-ditta li jipproduċu aktar output minn inputs partikolari. Din hija l-idea wara **l-produttività totali tal-fatturi**, it-tkabbir tal-produzzjoni mhux inkluż fl-inputs tal-fatturi. It-teorija ekonomika tipprevedi li f'intrapriżi ta' suċċess, it-tkabbir fis-sehem tas-suq, il-profitabbiltà fit-tul u ż-żidiet fil-pagi reali huma normalment marbuta ma' tkabbir qawwi fil-produttività. Indikaturi konvenzjonali tal-kompetittività – *l-ispejjeż għal kull unità tax-xogħol* jew *il-kompetittività tal-prezz u l-kwalità* – jirriflettu wkoll id-dinamiċi sottostanti tal-produttività u l-innovazzjoni.

L-analiżi tal-impatti fuq l-ispiża u l-kapaċità tal-innovazzjoni għandhom jiġu indirizzati wkoll f'perspettiva komparattiva internazzjonali. Pereżempju, jekk proposta tal-politika aktarx iżżid l-ispejjeż għall-produtturi tal-UE – pereżempju permezz ta' rekwiżiti aktar stretti ta' sikurezza tal-prodott fuq is-suq tal-UE – dan jista' jaffettwa l-ishma tas-suq tal-manifatturi tal-UE sakemm il-kompetituri esterni tagħhom ma jiffaċċjawx l-istess kundizzjonijiet fl-Ewropa u barra l-Ewropa. Jekk il-politika taffettwa l-proċess tal-produzzjoni permezz ta' pereżempju użu aktar strett ta' riżorsi, jew standards ta' tniġġis, jew dispożizzjonijiet ta' saħħa u sikurezza fuq il-post tax-xogħol, li ma japplikawx għall-kompetituri, il-manifatturi Ewropej jistgħu jkunu f'vantaġġ jew żvantaġġ kompetittiv meta mqabbla ma' ditti li jinsabu xi mkien ieħor.

**Prova ta' kompetittività**

"Il-prova ta' kompetittività" hija strument kumplimentari fl-għodda tal-valutazzjoni tal-impatt, li l-għan tiegħu huwa li jirrinforza il-valutazzjoni globali tal-impatti ekonomiċi ta' proposta ġdida billi jikkunsidra aħjar l-impatti fuq il-kompetittività ta' intrapriża fil-livell settorjali u aggregat billi jidentifika, u – fejn xieraq – jikkwantifika l-impatti probabbli tal-proposta l-ġdida fi tliet dimensjonijiet tal-kompetittività ta' intrapriża:

a) *Il-kompetittività fir-rigward tal-ispejjeż*: l-ispiża tan-negozju, li tinkludi l-ispiża ta' inputs intermedji (inkluża l-enerġija) u ta' fatturi tal-produzzjoni (ix-xogħol u l-kapital);

b) *Il-kapaċità tal-innovazzjoni*: il-kapaċità tan-negozju li jipproduċi aktar prodotti u servizzi u/jew prodotti u servizzi ta' kwalità ogħla li jissodisfaw aħjar il-preferenzi tal-klijenti

c) *Il-kompetittività internazzjonali:* iż-żewġ aspetti ta' hawn fuq jistgħu jiġu vvalutati wkoll f'perspettiva komparattiva internazzjonali, sabiex jitqies l-impatt probabbli tal-proposta tal-politika fuq l-ishma tas-suq u l-vantaġġi komparattivi żvelati tal-industriji Ewropej.

It-tabella tal-impatti ekonomiċi tal-Linji Gwida tal-Valutazzjoni tal-Impatti telenka numru ta' mistoqsijiet b'rilevanza diretta għall-kompetittività fir-rigward tal-prezzijiet u l-ispejjeż tal-intrapriżi, il-kapaċità tagħhom tal-innovazzjoni u l-pożizzjonijiet kompetittivi esterni tagħhom.[9] Barra minn dawn il-mistoqsijiet, il-Linji Gwida fl-annessi tagħhom fihom gwida dettaljata dwar l-identifikazzjoni u l-kejl tal-impatt ta' proposta tal-politika fuq l-SMEs (it-"test" tal-SMEs)[10], kif ukoll l-impatti fuq l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni.[11] Barra minn dawn it-tnejn, hemm ukoll gwida dwar il-valutazzjoni tal-impatti fuq il-kompetizzjoni.[12]

Madankollu, aktar milli janalizzaw dawn il-mistoqsijiet differenti kollha fi stadju daqshekk bikri tal-analiżi, it-timijiet tal-valutazzjoni tal-impatt jistgħu jużaw il-lista ta' kontroll proposta hawn bħala għodda biex jivvalutaw jekk intervent tal-politika aktarx ikollux impatt sinifikanti fuq il-kompetittività tan-negozju jew le.

It-tabella t'hawn taħt tispjega din l-għodda analitika bi proposta ta' projbizzjoni tal-użu ta' materjali perikolużi fi prodotti industrijali tal-UE. Il-lista ta' kontroll fiha mistoqsijiet ġenerali dwar id-daqs tal-impatti mistennija fuq il-motivaturi tal-kompetittività u l-ishma tas-suq. Il-mistoqsijiet ma jeħtiġux studju fil-fond jew tekniċi kwantitattivi biex jitwieġbu. Għal dan l-ewwel skennjar, tista' tuża l-kompetenzi tiegħek u tat-tim tiegħek biss.

Jista' jkun li ma tkunx tista' tagħti risposta faċli ta' iva/le għal kollha. Pereżempju, id-daqs tal-effett jista' jkun diffiċli li jiġi previst mingħajr dejta u suppożizzjonijiet. Alternattivament, is-sinjal tal-impatt fuq il-kompetittività jista' jkun ambigwu jew anke jinbidel maż-żmien. Pereżempju, projbizzjoni fuq l-użu ta' materjali perikolużi f'ċerti prodotti tista' tirriżulta inizjalment f'telf fl-ishma tas-suq minn manifatturi Ewropej li jużaw dawk il-materjali, iżda minħabba tkabbir fl-għarfien tal-konsumatur u bidla fil-preferenzi, il-bejgħ ta' prodotti aktar sikuri jista' jikber. B'mod simili, id-dispożizzjonijiet dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol jistgħu jżidu l-ispejjeż tax-xogħol fuq żmien qasir, filwaqt li jkollhom effetti pożittivi aktar fit-tul billi jrawwmu l-produttività, inaqqsu l-assenteiżmu u jappoġġjaw ir-reklutaġġ u ż-żamma. L-impatti jistgħu wkoll ikunu differenti bejn is-setturi tal-intrapriża affettwati u b'hekk jagħmlu l-impatt globali mhux ċert. Fl-eżempju, is-settur li jipproduċi l-materjal perikoluż se jitlef, iżda l-produtturi ta' materjali sostituti jistgħu jibbenefikaw (mhux murija hawn isfel għax il-lista ta' kontroll hija għas-settur l-aktar affettwat biss).

**Huwa probabbli li l-projbizzjoni fuq l-użu ta' materjal perikoluż ikollha impatt sinifikanti fuq il-kompetittività tal-intrapriża fit-termini ta':**

| **Il-kompetittività fir-rigward tal-ispejjeż u tal-prezzijiet** | Pożittiv | Negattiv |
|---|---|---|
| L-ispiża tal-inputs | | Iva |
| L-ispiża tal-kapital | | Iva |
| L-ispiża tax-xogħol | Iva? | |
| Spejjeż oħra ta' konformità (pereżempju obbligi ta' rappurtar) | | Iva |
| L-ispiża tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni, is-servizzi ta' wara l-bejgħ | | Iva |
| Il-prezz tal-outputs (direttament mhux permezz tal-ispiża, pereżempju il-kontrolli tal-prezzijiet) | Le | |
| **Il-kapaċità għall-innovazzjoni** | | |

[9] Il-Linji Gwida tal-Valutazzjoni tal-Impatt, it-taqsima 8.2 it-tabella 1 p. 33-34
[10] L-Annessi għall-Linji Gwida tal-Valutazzjoni tal-Impatt p. 32-34 it-Taqsima 8.4
[11] L-Annessi għall-Linji Gwida tal-Valutazzjoni tal-Impatt, p. 34-38 it-Taqsima 8.5
[12] Il-Linji Gwida tal-Valutazzjoni tal-Impatt, p. 40

| | |
|---|---|
| Il-kapaċità li jipproduċu u jwasslu r-R&Ż sas-suq | Iva |
| Il-kapaċità għall-innovazzjoni tal-prodott | Iva |
| Il-kapaċità għall-innovazzjoni tal-proċess (inklużi d-distribuzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u s-servizzi ta' wara l-bejgħ) | Iva |
| L-aċċess għall-kapital ta' riskju | n/a |
| **Il-kompetittività internazzjonali** | |
| L-ishma tas-suq (suq uniku) | Iva |
| L-ishma tas-suq (swieq esterni) | Iva |
| Vantaġġi komparattivi żvelati [13] | ma tistax tgħid |

Il-mili biss ta' dawk it-tweġibiet li jidhru faċli jista' jkun biżżejjed biex wieħed jiddeċiedi jekk hemmx bżonn li valutazzjoni tal-impatt tħares aktar fil-fond lejn l-impatti kollha fuq il-kompetittività settorjali jew xi ftit minnhom. Meta jkun hemm inċertezza konsiderevoli (jiġifieri, ħafna vojt jew mistoqsijiet fil-lista ta' kontroll), tista' tkun meħtieġa analiżi ulterjuri tal-impatti fuq il-kompetittività settorjali.

Għal fini ta' eżempju, hija applikata hawn għal għażla waħda u hija bbażata fuq tweġibiet ta' iva/le. Alternattivament, wieħed jista' jippreferi li jmur pass ulterjuri u japplikaha għal aktar għażliet – l-għażla "li ma tagħmel xejn" u għażliet alternattivi bħal tfittex soluzzjoni internazzjonali għall-problema tas-sikurezza u mhux regolament tal-UE biss, eċċ. Barra minn hekk, wieħed jista' jkun li jrid japplikaha wkoll għal setturi affettwati indirettament (dawk ġewwa u barra mill-katina tal-valur).

L-eżempju jindika każ għal valutazzjoni aktar dettaljata tal-impatti fuq il-kompetittività settorjali, billi l-proposta tal-politika jista' jkollha impatti qawwija fuq il-biċċa l-kbira tad-determinanti tal-kompetittività tas-settur tal-manifattura li juża l-materjal perikoluż bħala input. Dawn l-impatti jista' jkollhom sinjali opposti – ir-regolament aktarx li jimponi spejjeż addizzjonali ta' konformità; iżda min-naħa l-oħra, jista' wkoll jinkoraġġixxi l-innovazzjoni u l-użu ta' materjali ġodda.

> Ir-riżultat ta' din il-lista ta' kontroll m'għandux jiġi interpretat bħala evidenza li t-tkabbir u t-telf fil-kompetittività jikkanċellaw lil xulxin, għaliex dawn l-impatti għadhom ma ġewx ikkwantifikati jew mill-anqas ivvalutati kwalitattivament. Il-lista ta' kontroll turi biss li l-effetti jistgħu jkunu sinifikanti.
>
> Għandu jiġi nnutat ukoll li meta l-impatti fuq il-kompetittività huma mistennija li jkunu sinifikanti, analiżi aktar dettaljata tista' tkun ta' benefiċċju irrispettivament mill-fatt li l-impatt nett fuq il-kompetittività jew il-benefiċċju globali nett tal-inizjattiva jistgħu jkunu mistennija li jkunu pożittivi.

Dan huwa ovvjament veru għal kwalunkwe sett speċifiku ta' impatti sinifikanti u huwa konformi mal-bażi loġika tal-valutazzjoni tal-impatt: approċċ integrat komprensiv jidentifika rebbieħa u telliefa, u jgħin biex jiġu mfassla, fejn xieraq, miżuri ta' mitigazzjoni għal dawk affettwati ħafna filwaqt li jilħaq l-għanijiet tal-intervent tal-politika. Għalhekk, pereżempju, l-eżaminazzjoni tal-impatti tal-kompetittività tas-Sistema għan-Negozjar ta' Emissjonijet,

[13] Ara l-Pass 12 għall-definizzjoni ta' RCA

permezz fost l-oħrajn ta' mudelli makroekonomiċi, wasslet għall-konklużjoni tal-politika li titkompla l-allokazzjoni b'xejn ta' kwoti lil dawk is-setturi li jużaw ħafna enerġija li huma esposti għar-risku ta' tnixxija tal-karbonju.

Fil-qosor, anke meta l-valutazzjoni tal-impatt turi benefiċċji netti għas-soċjetà, valutazzjoni aktar fil-fond tal-impatti fuq il-kompetittività settorjali tista' tgħinek tara kif l-għanijiet jistgħu jintlaħqu filwaqt li jiġu mminimizzati l-impatti negattivi potenzjali fuq il-biċċa l-kbira tas-setturi affettwati u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħhom għar-rekwiżiti l-ġodda fuq żmien qasir. Fil-każ ta' proposti li jaffettwaw diversi setturi tal-ekonomija konnessi ma' xulxin, madankollu, jista' jkun xieraq li jintużaq simulazzjonijiet ta' ekwilibriju ġenerali kompjutabbli (CGE) u/jew mudelli makroekonometriċi ta' input-output li jippermettu li jiġi vvalutat l-impatt fuq l-ekonomija ta' bidla fil-politika kif ukoll id-daqs probabbli tal-kisbiet u t-telf f'kull settur u l-effetti konsegwenzjali bejn is-setturi.

**Pass 2. Kemm għandna nidħlu fil-fond?**

It-Taqsimiet 3.2 u 8.2 tal-Linji Gwida tal-valutazzjoni tal-impatt jippreżentaw il-kriterji li għandhom jitqiesu meta jiġi deċiż il-livell safejn għandhom jiġu analizzati l-impatti sinifikanti matul il-proċess kollu tal-valutazzjoni tal-impatt. Din it-taqsima tikkumplimenta l-Linji Gwida tal-valutazzjoni tal-impatt billi tipprovdi kuntest speċifiku fir-rigward tal-impatti fuq il-kompetittività settorjali.

Id-daqs tal-impatti mistennija u l-importanza politika tagħhom huma żewġ determinanti ewlenin. It-tip ta' intervent tal-politika joffri wkoll indikaturi utli.

Fil-każ ta' interventi tal-politika ta' natura awtoregolatorja (bħal kodiċi ta' kondotta, jew standards volontarji), il-każ għal analiżi profonda tal-impatti fuq il-kompetittività settorjali aktarx ikun limitat minħabba li s-settur innifsu għandu rwol ewlieni fid-determinazzjoni tal-kontenut tal-inizjattiva. Madankollu, jista' jkun meħtieġ skrutinju aktar dettaljat fir-rigward tal-impatti fuq il-kompetizzjoni fis-settur u fuq il-kompetittività ta' setturi upstream jew downstream.

Jekk l-intervent jikkonċerna proġett ta' infrastruttura (pereżempju faċilità tat-trasport jew tal-komunikazzjoni) jew il-forniment ta' servizzi pubbliċi (pereżempju servizzi ta' navigazzjoni permezz tas-satellita), aktarx ikollu wkoll impatt pożittiv fuq il-kompetittività tan-negozju għalkemm dan jista' jiddependi fuq it-tariffi mħallsa mill-utenti.

Inizjattivi regolatorji huma l-aktar probabbli li jipproduċu impatti fuq il-kompetittività settorjali. Fil-każ ta' dawk, l-immirar espliċitu lejn titjib fil-kundizzjonijiet ta' qafas għall-kompetittività tas-settur, l-impatti pożittivi aktarx ikunu aktar minn dawk negattivi. Madankollu hija xorta waħda meħtieġa analiżi biex tidentifika b'mod ċar il-benefiċċji globali, biex tidentifika l-għażla tal-politika li tipproduċi benefiċċji ogħla u, l-aħjar, tidentifika xi indikaturi u valuri ta' riferiment għall-evalwazzjoni sussegwenti *ex post* tal-impatt attwali tal-politika fuq il-kompetittività settorjali.

Ħafna inizjattivi regolatorji madankollu, isegwu primarjament għanijiet tal-politika oħra barra mill-kompetittività, (pereżempju jipproteġu l-ambjent, il-konsumaturi, l-impjegati, jew l-investituri), iżda jistgħu jaffettwaw il-kompetittività settorjali pożittivament jew

negattivament. Dawn huma l-kandidati tipiċi għal valutazzjoni aktar dettaljata tal-impatti fuq il-kompetittività settorjali.

Il-valutazzjoni tal-impatti tista' tkun primarjament **kwalitattiva** għal dawk il-proposti li aktarx ikollhom impatt limitat fuq il-kompetittività jew li għalihom jista' jintwera li l-ebda analiżi oħra ma hija proporzjonata. Is-servizzi għandhom jistinkaw biex jinkludu elementi **kwantitattivi** (u fejn possibbli jwettqu stima kwantitattiva tal-impatti) f'dawk il-każijiet fejn l-impatti huma mistennija li jkunu partikolarment sinifikanti. L-analiżi tista' tkun limitata għall-effetti diretti (jiġifieri l-impatt fuq is-setturi affettwati direttament), jew estiża għall-effetti indiretti jekk dawn aktarx ukoll ikunu sinifikanti u huwa possibbli (u proporzjonat) li jiġu analizzati.

Il-Passi 1 u 2 għandhom jippermettulek li taċċerta l-mertu ta' analiżi speċifika tal-impatti tal-kompetittività, li tidentifika l-impatti rilevanti tal-proposta tal-politika u li jkollok idea ta' kemm għandek timmira li tkun estensiva l-analiżi tiegħek. Dan jista' jgħin jikkontribwixxi fl-ippjanar tiegħek għal analiżi ulterjuri u jipprovdi diġà informazzjoni ta' feedback possibbli dwar id-disinn tas-sett tiegħek ta' possibbiltajiet. Dan l-istadju ta' ppjanar huwa biss biex tibda. Waqt li wieħed iżomm f'moħħu li l-valutazzjoni tal-impatt hija proċess interattiv, l-indikazzjonijiet jistgħu jkollhom jiġu modifikati kif jipproċedu x-xogħlijiet (u, pereżempju, ċerti impatti jidhru aktar sinifikanti milli maħsub oriġinarjament u għalhekk jitolbu analiżi aktar profonda/kwantitattiva; jew – bil-maqlub – stima kwantitattiva tkun għalja eċċessivament/impossibbli li titwettaq).

## II. SKRINJAR KWALITATTIV

*Wara l-ewwel żewġ passi deskritti hawn fuq, l-impatti rilevanti jistgħu b'mod utli jiġu suġġetti għall-iskrinjar kwalitattiv deskritt f'din it-taqsima.*

Din il-parti tal-għodda tuża l-mistoqsijiet u l-gwida diġa inklużi fil-Linji Gwida tal-valutazzjoni tal-impatt. Dawn huma maqsuma f'erba' gruppi li jkopru: a) l-identifikazzjoni u d-deskrizzjoni tas-setturi affettwati; b) il-kompetittività tal-ispejjeż u tal-prezzijiet (inkluża l-għażla tal-konsumatur); c) il-kapaċità għall-innovazzjoni; u d) il-kompetittività internazzjonali.

Jekk taħdem għal unità settorjali li tissorvelja s-settur immirat direttament, għandek tkun kapaċi li tirrispondi l-biċċa l-kbira ta' dawn il-mistoqsijiet billi tuża l-kompetenzi u l-għarfien tiegħek jew tal-unità tiegħek. Jekk is-settur affettwat huwa barra mill-qasam immedjat ta' kompetenzi tiegħek, li huwa ħafna drabi l-każ, għandek bżonn ftit għarfien bażiku tal-operazzjonijiet tiegħu, inklużi inputs, intensitajiet tal-fatturi (l-intensitajiet tal-kapital, ix-xogħol u l-enerġija), kif ukoll l-intensità tal-kompetizzjoni tas-suq, id-daqsijiet tal-intrapriżi u karatteristiċi oħra tas-settur. Tista' tikkonsulta l-helpdesk dwar l-impatti tal-kompetittività tad-DĠ ENTR, jew il-grupp ta' tmexxija tal-valutazzjoni tal-impatt għal tagħrif ġenerali, bħal:

1) Studji settorjali eżistenti: tista' ssib xi studji tas-setturi tal-manifattura f': http://ec.europa.eu/enterprise/policies/industrial-competitiveness/industrial-policy/future-of-manufacturing/index_en.htm
2) Valutazzjonijiet tal-impatt preċedenti li jaffettwaw l-istess setturi: (http://ec.europa.eu/governance/impact/ia_carried_out/cia_2011_en.htm)
3) Evalwazzjonijiet *ex post* ta' politiki jew regolamenti effettivi dwar is-settur (ara EIMS – il-bażi tad-dejta tal-Kummissjoni li taħżen informazzjoni dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni: http://www.cc.cec/home/dgserv/sg/evaluation/pages/eims_en.htm)

Tista' tiċċekkja wkoll studji u pubblikazzjonijiet tal-kmamar tan-negozju Ewropej jew nazzjonali rispettivi kif ukoll il-kumitati settorjali Ewropej ta' djalogu soċjali meta rilevanti. (Ara l-Pass 8a għad-dettalji).

**Idealment, l-input finali fir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt mill-iskrinjar kwalitattiv** jkun analiżi qasira bl-elementi li ġejjin:

1. Is-setturi affettwati
2. L-impatti identifikati fuq dawn is-setturi tal-proposta tal-politika
3. Stima kwalitattiva tan-natura u d-daqs tal-impatti:
    a. kemm hu kbir l-impatt mistenni;
    b. jekk huwiex riżultat dirett jew indirett tal-intervent; u
    c. meta huwa mistenni li jiġri.
    d. jekk l-impatt huwiex tranżitorju jew permanenti. (id-durata tal-impatt)
4. Il-probabbiltà li l-impatt iseħħ
    a. Kemm huwa probabbli l-impatt
    b. Jekk jiddependix fuq suppożizzjonijiet kritiċi

Din l-analiżi għandha tagħmel użu adegwat tar-riżultati tal-konsultazzjoni interna u esterna kif meħtieġ mil-Linji Gwida.

Il-matriċi li ġejja hija mudell wieħed possibbli li jista' jintuża għal kull settur affettwat biex jiġu ppreżentati r-riżultati tal-iskrinjar kwalitattiv fir-rigward tal-impatti tal-kompetittività fid-dokument ta' konsultazzjoni u fir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt.

| Impatti kompetittivi | Is-setturi affettwati | | Id-daqs (il-ħin) tal-impatti | Id-durata tal-impatti | Ir-riskji u l-inċertezza |
|---|---|---|---|---|---|
| | Direttament | Indirettament | | | |
| Il-kompetittività fir-rigward tal-ispejjeż u tal-prezzijiet | | | | | |
| Il-kapaċità għall-innovazzjoni | | | | | |
| Il-kompetittività internazzjonali | | | | | |

Fil-qosor, tista' tibbenefika minn skrinjar kwalitattiv fi tliet modi:

1. Jista' jinforma l-mod li bih tikkonsulta servizzi oħra u partijiet interessati esterni.
2. Jgħinek tara b'mod aktar ċar il-bżonnijiet għall-kwantifikazzjoni u jista' jagħtik ideat dwar id-disponibbiltà tad-dejta u l-mudelli biex tipproċedi bil-kwantifikazzjoni.
3. Jista' jkun l-aħħar riżultat tiegħek għax jindika li l-impatti negattivi jew pożittivi fuq il-kompetittività mhumiex sinifikanti biżżejjed biex jimmeritaw kwantifikazzjoni espliċita jew għax din tal-aħħar tista' jkun jew impossibbli jew sempliċiment wisq għalja biex tkun proporzjonata.

Dan li ġej huwa l-forma bażika tal-passi konsekuttivi, u l-għodda rispettivi għal kull pass li jgħinek twassal l-outputs tal-iskrinjar kwalitattiv.

## Pass 3. Liema huma s-setturi affettwati?

Analiżi dettaljata tal-impatti fuq il-kompetittività teħtieġ li tidentifika s-setturi affettwati. Kif sostnut hawn fuq, hemm tliet tipi maġġuri ta' impatti li huma importanti għall-analiżi tal-impatti fuq il-kompetittività settorjali: a) l-ispiża tal-operazzjoni tan-negozju; b) il-kapaċità għall-innovazzjoni; u c) id-dimensjoni internazzjonali

Billi l-prova ta' kompetittività għandha tqis l-effetti diretti u indiretti (pożittivi u negattivi) u tiddistingwi u tipprovdi għall-effetti fuq żmien qasir u aktar fit-tul, tista' tikkunsidra wkoll tliet gruppi ta' partijiet interessati u l-impatti tagħhom:

1. l-impatt fuq is-setturi affettwati direttament mill-inizjattiva tal-politika,

2. impatti indiretti fuq is-setturi fil-katina tal-provvista tas-setturi affettwati, u
3. impatti indiretti fuq is-setturi barra mill-katina tal-provvista.

L-ewwel grupp hawn fuq jirreferi għall-**effetti diretti**. It-tieni u t-tielet tip ta' **effetti indiretti** kkawżati minn bidliet fil-prezzijiet relattivi u fil-provvista u d-domanda fis-suq tal-inputs u l-outputs tas-settur immirat. Jistgħu jseħħu b'mod parallel jew b'dewmien (effetti indiretti) fir-rigward tal-effetti diretti. Huma importanti għal żewġ raġunijiet. L-ewwel nett, jistgħu jaqbżu b'mod sinifikanti l-effetti primarji jekk jaffettwaw ħafna setturi fil-katina ta' provvista jew barra minnha. It-tieni, jistgħu jannullaw il-benefiċċji/spejjeż globali mistennija jekk ikollhom sinjal oppost għall-effetti diretti.

L-effetti indiretti jistgħu jinsabu fi:

1. is-setturi downstream, setturi li jikkunsmaw l-output tas-settur affettwat u li jiffaċċjaw prezzijiet ġodda ta' konsum intermedjat jew kapitali;
2. is-setturi upstream, jiġifieri, fornituri ta' oġġetti u servizzi użati mis-settur affettwat li jistgħu jsofru bidliet fid-domanda għall-prodotti tagħhom;
3. is-swieq ta' oġġetti kumplimentarji, minħabba li d-domanda tagħhom timxi fl-istess direzzjoni tad-domanda għall-prodotti tas-settur affettwat (pereżempju żieda fil-prezzijiet tal-karburant taffettwa d-domanda għall-karozzi); u
4. is-suq tas-sostituti, minħabba li d-domanda tagħhom timxi fid-direzzjoni opposta relattiva mad-domanda għall-prodotti tas-settur affettwat (pereżempju, żidiet fil-prezz tal-karburant jistgħu jżidu d-domanda għat-trasport pubbliku.)[14]

Xi politiki jistgħu jaffettwaw ħafna jew il-biċċa l-kbira tas-setturi tan-negozju. Eżempji ta' tali interventi huma pereżempju dawk li jaffettwaw l-ispejjeż tax-xogħol (pereżempju d-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol) jew dawk li jaffettwaw l-ispiża tal-enerġija (pereżempju l-politiki dwar l-enerġija rinnovabbli) jew dawk li jaffettwaw l-aċċess għall-finanzi u l-ispiża tagħhom (pereżempju r-rekwiżiti ta' kapital għall-banek), jew pereżempju l-protezzjoni tad-dejta personali. Il-benefiċċji u l-ispejjeż aggregati jiġu vvalutati normalment iżda **d-distribuzzjoni tal-impatti fis-setturi** tista' wkoll tiġi analizzata meta tkun proporzjonata (pereżempju meta settur jiġi affettwat b'mod partikolari). F'dawn il-każijiet, jista' jkollok bżonn tqis l-intensitajiet tax-xogħol, l-enerġija, ir-riżorsi u l-kapital biex "tagħti daqs" aħjar lid-distribuzzjoni tal-impatti, tidentifika s-setturi industrijali affettwati l-aktar ħażin; u tħares lejn il-prestazzjoni tagħhom u l-possibbiltajiet li jiġi sostnut l-intervent tal-politika.

## Pass 4. X'inhu l-effett fuq il-kompetittività tal-SMEs?

It-"test tal-SMEs", diġà parti integrali tal-linji gwida u l-prattika tal-valutazzjoni tal-impatt, jinkludi mistoqsijiet dwar l-ispiża, il-kapaċità għall-innovazzjoni u kundizzjonijiet oħra ta' qafas bħall-aċċess għall-finanzi, il-ħiliet, ir-riżorsi u s-swieq.[15]

---

[14] Ara l-Anness 2 il-każ 1 għal eżempju

[15] Ara l-Linji Gwida dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt SEC(2009) 92, p. 40; u l-Parti III: L-Annessi għal-Linji Gwida tal-Valutazzjoni tal-Impatt

Fir-Reviżjoni tagħha tal-Att dwar in-Negozji Żgħar, il-Kummissjoni enfasizzat ir-rabta bejn il-prova ta' kompetittività u t-"test tal-SMEs", u impenjat ruħha li "ssaħħaħ aktar l-applikazzjoni tat-"test tal-SMEs" fil-proċedura tagħha tal-valutazzjoni tal-impatt biex tiżgura li l-impatti fuq l-SMEs jiġu analizzati bir-reqqa u meqjusa fil-proposti leġiżlattivi u tal-politika rilevanti kollha, b'indikazzjoni ċara tal-effetti kkwantifikati fuq l-SMEs, kull meta jkun possibbli u proporzjonat. Waqt li twettaq "il-prova ta' kompetittività" tal-proposti tagħha l-Kummissjoni se tanalizza l-kapaċità tan-negozji Ewropej, u l-SMEs b'mod partikolari, li jikkompetu fis-swieq tal-UE u barra mill-UE."[16]

Għalhekk, ladarba s-settur(i) affettwat(i) jiġi/u identifikat/i, il-pass li jmiss għandu jkun li tistaqsi jekk l-SMEs hux se jkunu affettwati b'mod partikolari. Jekk id-dejta hija disponibbli, is-sehem settorjali tal-SMEs jista' jipprovdi għarfien utli. Is-sehem tal-SMEs huwa indikatur importanti tal-impatt probabbli tal-proposta tal-politika fuq il-kompetittività industrijali għal żewġ raġunijiet. L-ewwel nett, l-impatti fuq il-kompetittività tal-ispiża huma aktar prominenti fir-rigward tal-SMEs. Xi spejjeż tal-konformità pereżempju ma jonqsux mad-daqs, u jirriżultaw f'piż regolatorju medju ogħla għall-SMEs bħala persentaġġ tad-dħul. Barra minn hekk, il-kapaċità tagħhom li jaġġustaw għal piż regolatorju ogħla huwa kostrett bl-aċċess limitat tagħhom għall-finanzi. It-tieni, il-bidliet fil-kundizzjonijiet għall-innovazzjonijiet għandhom bħala medja impatt aktar qawwi fuq l-SMEs, minħabba li jiffurmaw il-maġġoranza ta' kumpaniji innovattivi; u għaliex l-SMEs innovattivi huma aktar dipendenti fuq l-innovazzjonijiet biex jibqgħu jeżistu relattivament għad-ditti kbar innovattivi.

Fil-qosor, l-għan tal-prova ta' kompetittività fir-rigward tal-kompetittività tal-SMEs idealment ikun li:

1. jiġi identifikat il-piż relattiv tal-SMEs fis-settur(i) rispettiv(i);
2. tiġi rinfurzata l-applikazzjoni tat-test tal-SMEs lis-settur(i) rispettiv(i), billi jiġi applikat il-kunċett ta' spiża, kompetittività innovattiva u tas-suq; u
3. tiġi żgurata rappreżentazzjoni adegwata tal-SMEs tas-settur affettwat fil-proċess ta' konsultazzjoni.

**Pass 5. X'inhu l-effett fuq il-kompetittività tal-ispejjeż u l-prezzijiet?**

Proposta tal-politika jista' jkollha impatti pożittivi jew negattivi, diretti u indiretti, fuq l-ispiża tal-operazzjonijiet tan-negozju u għalhekk fuq ir-redditu fuq l-investiment u l-flussi tal-investiment. Tista' timponi spejjeż diretti ta' konformità fuq is-setturi affettwati, jew tista' żżid l-ispejjeż indirettament minħabba l-bidla fl-imġiba tal-fornituri, il-konsumaturi, l-impjegati u l-investituri bħala riżultat tar-regolament. Alternattivament, tista' tnaqqas il-piżijiet amministrattivi jew tnaqqas il-prezzijiet tal-inputs. Tkun liema tkun ir-raġuni għal dawn il-bidliet, il-proposta tal-politika tista' taffettwa n-negozju kemm permezz tal-ispiża tal-oġġetti u s-servizzi intermedjati (inkluża l-enerġija), jew permezz tal-ispiża tal-fatturi tal-produzzjoni (ix-xogħol, il-kapital u r-riżorsi naturali). Barra mill-ispejjeż, huwa importanti wkoll li jiġi vverifikat jekk l-intervent tal-politika propost jaffettwax il-kompetizzjoni, pereżempju billi jillimita jew jilliberalizza l-istabbiliment tal-prezzijiet jew l-għażla tal-konsumatur (aktar gwida dwar l-impatti fuq il-kompetizzjoni hija provvduta fit-taqsima 8.3. tal-linji gwida tal-valutazzjoni tal-impatt).

---

[16] KUMM(2011) 78 p. 6

Il-mistoqsijiet li ġejjin jistgħu jgħinuk tidentifika dawk l-impatti. Mhumiex maħsuba biex iwasslu għal tassonomija komprensiva tal-ispejjeż tan-negozju iżda aktar ta' gwida għat-tiftix għall-konsegwenzi possibbli tal-proposta tal-politika għall-kompetittività tal-ispejjeż u l-prezzijiet.

Mistoqsijiet possibbli jkopru *spejjeż ta' konformità* potenzjali addizzjonali (jew it-tnaqqis ta' spejjeż eżistenti ta' konformità), kif ukoll *spejjeż operazzjonali* oħra (tal-inputs u l-fatturi tal-produzzjoni), li huma konsegwenza tal-proposta l-ġdida iżda mhumiex relatati mal-konformità. Fl-aħħar nett, wieħed jista' jistaqsi dwar l-impatt probabbli tal-proposta fuq *il-preferenzi tal-konsumatur u l-prezzijiet.*

### A. Il-proposta vvalutata tnaqqas jew iżżid l-ispejjeż ta' konformità tas-settur(i) affettwat(i)?

L-ispejjeż ta' konformità jinkludu l-valur monetarju tal-**ħin**, iddedikat mill-persunal u l-amministrazzjoni biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-politika l-ġdida (pereżempju rekwiżiti ġodda ta' rappurtar) kif ukoll **il-flus** biex jinxtraw il-prodotti u s-servizzi meħtieġa mill-politika (pereżempju tagħmir ġdid jew servizzi tan-negozju esterni relatati mar-rekwiżit il-ġdid). Il-mistoqsijiet tipiċi jkunu:

1. L-għażla tal-politika taffettwa n-natura tal-obbligi ta' informazzjoni li jitqiegħdu fuq in-negozji, bħat-tip ta' dejta meħtieġa, il-frekwenza ta' rappurtar, il-kumplessità tal-proċess ta' sottomissjoni, eċċ.?
2. Teħtieġ l-użu ta' tagħmir ġdid (pereżempju biex jitnaqqas it-tniġġis, jew biex jiġi rreġistrat bejgħ, jew biex jitkejjel il-kontenut ta' sustanza fil-prodott finali, eċċ.)
3. Tkun teħtieġ ħin tal-persunal addizzjonali jew servizzi tan-negozju pprovduti mis-settur privat jew pubbliku (bħall-kontabbiltà esterna jew is-servizzi tal-awditjar, jew verifika tal-konformità minn entitatjiet awtorizzati tas-settur pubbliku jew privat, eċċ.)?
4. L-ispejjeż tal-konformità jpoġġu ċerti intrapriżi jew setturi fi żvantaġġ fir-rigward tal-kompetituri tagħhom (inkluż billi joħolqu kundizzjonijiet mhux ekwi ta' kompetizzjoni)?
5. Kif inhuma affettwati l-SMEs b'mod partikolari?

### B. Il-proposta taffettwa l-prezzijiet u l-ispiża tal-konsum intermedjat?

Proposta tal-politika tista' taffettwa l-ispiża tal-konsum intermedjat:

1. billi taffettwa l-prezz jew id-disponibbiltà tar-riżorsi naturali inklużi l-materjali primi u inputs oħra (oġġetti u servizzi intermedjati) użati fil-produzzjoni;
2. billi tintroduċi restrizzjonijiet (jew projbizzjonijiet) fuq l-użu ta' materjali perikolużi; u
3. indirettament, meta bidliet fl-ispiża tal-output ta' settur affettwat direttament jgħaddu downstream, jew bidla fid-domanda għas-sostituti tgħolli l-prezzijiet, u dawk is-sostituti jintużaw fil-konsum intermedjat.

### C. Il-proposta taffettwa l-ispiża tal-kapital?

Proposta tal-politika tista' taffettwa l-ispiża tal-kapital billi:

1. iżżid il-prezzijiet tal-oġġetti kapitali, u

2. taffettwa d-disponibbiltà u l-ispiża tal-finanzi (ekwità, self mill-banek u bonds).

L-aċċess u l-ispiża tal-finanzi imbagħad hija ddeterminata minn fatturi multipli fosthom:

3. il-kundizzjonijiet finanzjarji tas-suq,
4. il-mobilità tal-kapital u l-qafas tal-FDI,
5. il-protezzjonijiet tad-drittijiet tal-partijiet interessati,
6. ir-rekwiżiti ta' kapital tal-banek,
7. il-profil ta' riskju finanzjarju tas-settur, u
8. inċentivi biex wieħed jinvesti f'dan is-settur fl-UE (ir-redditu fuq l-investiment relattiv mar-redditu fuq investiment fi swieq oħra) u pajjiżi oħra.

Meta rilevanti, analiżi kwalitattiva idealment teżamina dawn il-fatturi u l-impatt tagħhom fuq l-ispiża tal-investiment fis-settur affettwat u fuq il-preferenzi tal-investituri.

### D. Il-proposta taffettwa l-ispiża tax-xogħol?

L-ispejjeż tax-xogħol tal-impjegati jinkludu pagi, benefiċċji, u taxxi fuq ix-xogħol. L-interventi tal-politika jistgħu jaffettwaw l-ispejjeż tax-xogħol permezz ta' pereżempju l-istabbiliment ta' paga minima, l-impatti fuq il-livell tal-paga ta' riżerva, jew permezz ta' tibdil li jwassal għad-domanda għal xogħol jew ħiliet addizzjonali. Eżempji ta' effetti diretti fuq l-ispejjeż tax-xogħol jinkludu (iżda mhumiex limitati għal) politiki[17], li jistgħu jwasslu għal:

1. bidliet fl-età tal-irtirar; jew
2. bidliet fil-pagiet minimi; jew
3. bidliet fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, jew taxxi oħra fuq ix-xogħol; jew
4. bidliet fl-obbligi ta' kontabbiltà jew rappurtar

Effetti indiretti fuq l-ispejjeż tax-xogħol jistgħu jkunu r-riżultat ta' politiki, li:

5. jaffettwaw (jillimitaw jew jippromwovu/jiffaċilitaw) il-mobilità tax-xogħol;
6. jaffettwaw il-leġiżlazzjoni tal-protezzjoni tal-impjegat (billi jillimitaw jew jiffaċilitaw il-flessibbiltà tal-impjegaturi fir-rigward tar-reklutaġġ u t-tkeċċija tal-ħaddiema); jew
7. jaffettwaw (iżidu jew inaqqsu) ir-riġiditajiet u l-flessibbiltajiet tas-suq tax-xogħol bħala effett sekondarju.
8. bidliet li jwasslu għal domanda għax-xogħol addizzjonali/ġdida (minħabba rekwiżiti ġodda ta' ħiliet (pereżempju li jippermettu lin-negozji jimplimentaw teknoloġija ġdida li

[17] Xi wħud minn dawn il-politiki jistgħu jaqaw barra mill-oqsma ta' kompetenza tal-UE. Huma elenkati hawn għall-fini ta' eżempju u għaliex jista' jkollhom rilevanza għall-analiżi tal-impatti fuq il-kompetittività fil-livell nazzjonali.

tniġġes inqas); jew għal tfaddil fl-ispiża tax-xogħol (pereżempju permezz ta' eżentar tal-mikrointrapriżi minn xi obbligi ta' kontabbiltà)

Ħlief li jaffettwaw l-ispiża tax-xogħol, il-politiki jistgħu jimponu *spejjeż ta' konformità addizzjonali relatati mal-impjieg*: pereżempju standards ogħla għas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol jew rekwiżiti ta' rappurtar addizzjonali dwar il-ħaddiema tal-kumpanija. Għandu jiġi nnotat madankollu, li tali standards jistgħu jkunu bbażati wkoll fuq ftehimiet bejn l-impjegaturi u l-impjegati (pereżempju d-Direttiva dwar il-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema fis-settur tal-isptarijiet; ftehim transsettorjali dwar il-prevenzjoni mis-silicosis: eċċ.) u għalhekk jirriflettu l-vantaġġi u l-valur miżjud tal-istandards anke għan-negozju u l-impatt pożittiv tagħhom fuq il-kompetittività.

Għalkemm dawn il-politiki jistgħu ma jimmirawx settur speċifiku, l-impatti tagħhom aktarx ikunu differenti fis-setturi, bis-setturi li jirrikjedu ħafna ħaddiema jkunu affettwati aktar (kemm b'modi pożittivi jew negattivi). L-impatt jista' jiddependi wkoll fuq jekk l-industrija tirrikjedix ħiliet għolja jew baxxi billi l-livelli ta' rimunerazzjoni u għalhekk l-ispejjeż tax-xogħol jistgħu jirriflettu skarsezza ta' provvista ta' ħiliet, u l-ispejjeż addizzjonali jinqasmu bejn l-impjegaturi u l-impjegati skont id-domanda għax-xogħol u l-elastiċitajiet tal-provvista.

### E. Il-proposta taffettwa l-ispiża tal-enerġija?

L-ispiża tal-enerġija tista' tkun affettwata minn politiki li jippermettu dipendenza żejda fuq numru limitat ta' fornituri jew sorsi ta' karburanti fossili. Tista' wkoll tkun affettwata fuq żmien qasir minn miri għal tibdil bejn taħlitiet tal-karburant jew modi differenti ta' forniment u fatturar tal-enerġija.

### F. Il-proposta tal-politika taffettwa l-għażla tal-konsumatur u l-prezzijiet?

Fl-aħħar mill-aħħar, il-vantaġġi komparattivi bbażati fuq l-ispejjeż tan-negozju jimmaterjalizzaw permezz ta' għażla libera infurmata tal-konsumatur u l-prezz attwali li hu jħallas għall-prodotti u s-servizzi. L-analiżi tal-kompetittività tal-ispiża tista' tiġi kkumplimentata minn spezzjoni tal-impatt probabbli fuq l-għażla tal-konsumatur u l-prezzijiet. Jiġifieri, eżamina jekk il-proposta:

1. tistax taffettwa d-disponibbiltà ta' ċerti prodotti fis-suq,
2. tipprojbixxix jew tillimitax il-kummerċjalizzazzjoni (jew ir-reklamar) ta' ċerti prodotti,
3. tirregolax jew b'xi mod ieħor taffettwax il-prezzijiet li jħallsu l-konsumaturi għall-prodotti tas-settur affettwat,
4. taffettwax il-kwalità tal-oġġetti u s-servizzi li jixtru l-konsumaturi, u
5. taffettwax it-trasparenza u l-komparabbiltà tal-informazzjoni dwar il-kwalità u l-prezzijiet tal-prodotti u s-servizzi.

Sabiex jiġi ddeterminat l-impatt distribuzzjonali tal-proposta, l-analiżi tista tikkunsidra wkoll sa liema limitu l-**bidliet fl-ispejjeż tal-produzzjoni jiġu trasferiti lill-konsumaturi** (jekk żidiet fl-ispejjeż huma fil-biċċa l-kbira trasferiti lill-konsumaturi fi swieq oligopolistiċi kkaratterizzati minn elastiċità baxxa tad-domanda, l-impatt finali jista' jkun li jonqos il-benesseri tal-konsumatur u mhux qligħ anqas għan-negozju).

### G. L-impatti ta' hawn fuq jeħtieġu ristrutturar maġġuri tal-operazzjonijiet tal-intrapriżi affettwati?

Din hija l-aktar mistoqsija ta' sfida (iżda potenzjalment kruċjali) dwar l-implikazzjonijet fuq l-ispiża tal-proposta tal-politika. Sa issa, tkun identifikajt il-biċċa l-kbira tal-bidliet fl-ispejjeż tal-konformità u operazzjonali. Issa tista' tkun trid tikkunsidra:

1. X'ser ikunu l-ispejjeż ta' adattament għall-intrapriżi (inklużi l-ħaddiema)?
2. Is-settur se jkun jeħtieġ ristrutturar maġġuri bħall-għeluq ta' linji tal-produzzjoni, is-sostituzzjoni tat-teknoloġiji, is-sostituzzjoni tal-ħiliet, eċċ.?
3. Jista' jwassal għall-għeluq tal-intrapriżi?
4. L-SMEs se jkunu jistgħu jħallsu l-ispiża tar-ristrutturar?

| **Pass 6. X'inhu l-effett fuq il-kapaċità tal-intrapriżi għall-innovazzjoni?** |
|---|

Proposta tal-politika jista' jkollha impatt fuq il-kapaċità tal-intrapriżi għall-innovazzjoni. Meta din hija mistennija li tkun sinifikanti, tali impatt jista' jiġi vvalutat billi jiġi eżaminat l-impatt potenzjali fuq:

1. il-kapaċità tal-intrapriżi li jwettqu R&Ż li jwasslu għall-innovazzjoni fil-prodotti tagħhom, li tista' tkun ittraċċata għall-impatt tal-proposta fuq:
    (a) il-provvista ta' ħiliet meħtieġa mis-settur, u
    (b) l-effiċjenza tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;
2. il-kapaċità tas-settur li jwassal prodotti ġodda fis-suq jew itejjeb il-karatteristiċi ta' dawk kurrenti (*il-kapaċità għall-innovazzjoni tal-prodott*), li tiddependi kruċjalment fuq il-ħiliet tekniċi u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda;
3. il-kapaċità għall-innovazzjoni fil-proċessi u s-servizzi relatati mal-prodott, inklużi d-distribuzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u s-servizzi ta' wara l-bejgħ *(l-innovazzjoni tal-proċess)*, li tiddependi fuq il-provvista ta' ħiliet u talenti ta' amministrazzjoni u organizzazzjonali; u
4. il-kapaċità ta' aċċess għal kapital ta' riskju.

Il-gwida tal-Kummissjoni dwar l-impatti fuq l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni toffri gwida dettaljata ta' kif jiġi evalwat l-impatt probabbli fuq il-kapaċità tan-negozju għall-innovazzjoni.[18]

---

[18] L-Annessi għal-Linji Gwida tal-Valutazzjoni tal-Impatt, it-Taqsima 8.5, p. 34-38

## Pass 7. X'jista' jkun l-effett fuq il-kompetittività internazzjonali tas-settur?

Il-valutazzjoni tal-impatti fuq il-produttività hija instrumentali fl-identifikazzjoni tal-motivaturi tal-kompetittività. Madankollu, f'ċerti każijiet, l-istampa ma tkunx kompluta mingħajr ma jitqies l-impatt differenzjali potenzjali tal-proposta fuq id-ditti domestiċi u barranin. Pereżempju, jekk proposta tal-politika aktarx iżżidx l-ispejjeż għall-produtturi tal-UE (billi pereżempju tintroduċi rekwiżiti aktar stretti ta' sikurezza tal-prodott fis-suq tal-UE), tista' ma taffettwax il-prezzijiet relattivi u l-ishma tas-suq tal-manifatturi tal-UE jekk il-kompetituri tagħhom jiffaċċjaw l-istess rekwiżiti u m'hemmx sostituti xierqa irħas. Madankollu, jekk il-politika taffettwa l-proċess tal-produzzjoni (pereżempju permezz ta' użu ta' riżorsi jew standards ta' tniġġis aktar stretti), jew tgħolli l-ispejjeż tax-xogħol (pereżempju permezz ta' rekwiżiti ġodda ta' sikurezza fuq il-post tax-xogħol), imbagħad il-manifatturi Ewropej jistgħu jkunu fi żvantaġġ kompetittiv fil-konfront ta' ditti li jinsabu xi mkien ieħor. Għaldaqstant, fit-taqsima dwar l-Impatti internazzjonali, il-Linji Gwida tal-valutazzjoni tal-impatt jeħtieġu li kull valutazzjoni tal-impatt għandha tħares lejn il-kompetittività tan-negozji Ewropej, u għandha tanalizza l-impatti tal-politika biex tara kif l-għanijiet jistgħu jintlaħqu filwaqt li jiġu evitati jew imminimizzati l-impatti negattivi potenzjali fuq il-kompetittività Ewropea. Dan jista' jinkludi analiżi ta' regolamenti simili li jeżistu diġà fis-sħab ewlenin tal-kummerċ tal-UE[19]

Il-mistoqsijiet tipiċi li wieħed jista' jistaqsi huma:

1. X'inhu l-impatt probabbli tal-għażla vvalutata fuq il-pożizzjoni kompetittiva tad-ditti tal-UE fir-rigward tal-kompetituri minn barra l-UE?

2. X'inhu l-impatt probabbli tal-għażla vvalutata fuq il-kummerċ u l-ostakoli għall-kummerċ?

3. L-għażla tikkonċerna qasam li fih jeżistu standards internazzjonali, approċċi regolatorji komuni jew djalogi regolatorji internazzjonali?

4. Huwa probabbli li tikkawża flussi ta' investiment transkonfinali, inkluża r-rilokazzjoni ta' attività ekonomika lejn jew 'il barra mill-UE?

It-timijiet tal-valutazzjoni tal-impatt jistgħu jirreferu għall-Annessi għal-Linji Gwida tal-valutazzjoni tal-impatt (it-taqsima 8.7., p. 38) għal gwida dwar il-valutazzjoni kwalitattiva tal-impatt probabbli fuq il-kummerċ internazzjonali u l-flussi tal-investiment.

[19] Il-Linji Gwida tal-Valutazzjoni tal-Impatt, p. 42

## III. IL-KWANTIFIKAZZJONI TAL-IMPATTI: IS-SORSI TAD-DEJTA

Mill-aspett tekniku, il-valutazzjoni tal-impatt kwantitattiv ta' miżura tal-politika hija bla dubju l-aktar parti eżiġenti tal-valutazzjoni tal-impatt, u xi drabi ma tistax tkun magħmula kompletament minħabba restrizzjonijiet metodoloġiċi, jew tkun teħtieġ sforz disproporzjonat. Il-ġbir tad-dejta meħtieġa tista' tkun ta' sfida u ħafna drabi tinvolvi partijiet interessati konċernati, li tagħmel il-verifiki tad-dejta aktar ta' sfida. Il-proporzjonalità tal-kwantifikazzjoni għandha għalhekk tiġi kkunsidrata bl-attenzjoni dovuta waqt li titqies ix-xewqa ġenerali li jiġu kkwantifikati l-impatti kemm jista' jkun possibbli iżda wkoll l-ispejjeż tal-proċess u l-livell ta' affidabbiltà tar-riżultati mistennija (ikkunsidra pereżempju jekk ir-riżultati li jkunu jeħtieġu dejta addizzjonali, jew ikunu dipendenti ħafna fuq suppożizzjonijiet biex jitħaddem il-mudell jipprovdux valur miżjud attwali għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet)

Il-kwantifikazzjoni tal-impatti fuq il-kompetittività tista' teħtieġ statistiċi deskrittivi, analiżi tal-input-output bl-użu ta' kontijiet nazzjonali jew settorjali, mudelli ta' ekwilibriju ġenerali applikati jew eżerċizzju ekonometriku ieħor. Għall-proposti tal-politika li jaffettwaw sett divers ta' setturi, mudelli bħall-ekwilibriju ġenerali kompjutabbli (CGE) u mudelli makroekonomiċi ta' input-output jistgħu jintużaw biex jikkwantifikaw l-impatti globali. Jistgħu jkunu utli mhux biss biex jivvalutaw l-impatt fuq l-ekonomija kolha ta' bidla fil-politika, iżda wkoll biex jistmaw id-daqs probabbli tal-kisbiet u t-telf f'kull settur, l-effetti konsegwenzjali bejn is-setturi, il-qsim ta' spiża żejda bejn il-produtturi u l-konsumaturi, eċċ. Mudelli oħra, bħall-mudelli tal-ekwilibriju parzjali, jistgħu jkunu aktar faċli biex jintużaw u jistgħu jipprovdu wkoll għarfien utli fuq l-impatti potenzjali.

Il-passi suġġeriti hawn taħt jagħtu ħarsa ġenerali tal-outputs possibbli tal-analiżi kwantitattiva, u mhux għodda u metodi speċifiċi biex jitwettqu, minħabba li dawn ikunu dipendenti fuq il-kwistjoni partikolari. Dawn il-passi jibnu fuq l-output tal-ħames passi tal-iskrinjar kwalitattiv.

**Pass 8: Ipprovdi evidenza dwar l-istruttura u l-prestazzjoni tas-settur(i) affettwat(i) direttament**

Dan il-pass jestendi l-Pass 3 u l-Pass 4 tal-iskrinjar kwalitattiv tiegħek L-għan tiegħu hu li jappoġġja l-konklużjonijiet preliminari b'evidenza statistika. Valutazzjoni kwantitattiva tal-prestazzjoni tas-settur tkun idealment ibbażata fuq:

- il-piż tas-settur immirat fl-ekonomija tal-UE kif imkejjel bis-sehem tiegħu f'valur miżjud u impjieg, konċentrazzjoni reġjonali u nazzjonali tas-settur, eċċ.;
- in-numru u d-distribuzzjoni tad-ditti, inkluż is-sehem tal-SMEs, u l-proporzjon tal-konċentrazzjoni tagħhom;[20]
- il-produttività tax-xogħol tiegħu jew il-produttività totali tal-fatturi tiegħu;

[20] Il-proporzjon tal-konċentrazzjoni (CR) jirreferi għall-persentaġġ tas-sehem tas-suq ikkontrollat mill-akbar ditti fl-industrija. Ħafna drabi jintużaw CR4 u CR10 (jiġifieri is-sehem tas-suq tar-4 u l-10 mill-akbar ditti).

- il-profitabbiltà tiegħu kif imkejla bil-marġini tal-profitt nett; ir-redittu fuq l-assi;
- is-sehem tiegħu tas-suq dinji; u
- il-fluss ta' Investiment Dirett Barrani (il-proporzjon ta' stokk eżoġenu/endoġenu mal-valur miżjud)

**Pass 8a: Ħu kont tal-istudji settorjali u evalwazzjonijiet *ex post* eżistenti**

Il-Kummissjoni wettqet numru ta' studji industrijali u tas-suq, kif ukoll evalwazzjonijiet tal-politiki *ex post*. Pereżempju, lista ta' studji dwar l-industriji tal-manifattura jistgħu jinsabu fis-sit elettroniku:

http://ec.europa.eu/enterprise/policies/industrial-competitiveness/industrial-policy/future-of-manufacturing/index_en.htm

Jekk ir-riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni mhijiex biżżejjed, tista' tikkonsulta s-siti elettroniċi u l-pubblikazzjonijiet tal-assoċjazzjonijiet rispettivi tan-negozju jew organizzazzjonijiet kkonċernati tal-imsieħba soċjali.

Tista' tuża r-Reġistru ta' Trasparenza biex issib il-kuntatt tiegħek u ċċempillhom għall-aħħar dejta u analiżi tagħhom. Ir-Reġistru ta' Trasparenza jista' jinsab fis-sit elettroniku Europa.

**Pass 8b: Aġġorna dejta eżistenti**

Jekk l-istudji eżistenti huma skaduti, il-Eurostat għandha bażijiet tad-dejta bi statistiċi settorjali aġġornati. L-iskrinjar tal-Klassifikazzjoni Statistika tan-NACE[21] tgħin biex jitqabblu l-attivitajiet ekonomiċi prinċipali tas-settur(i) affettwat(i) mal-kodiċi korrispondenti tagħhom.

[21] NACE (Nomenclature statistique des Activités économiques dans les Communautés Européennes) hija l-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea użata mill-Eurostat u l-Istati Membri. NACE Rev.2 ġiet introdotta fl-2008 biex tirrifletti l-iżviluppi teknoloġiċi u l-bidliet strutturali tal-ekonomija. Wieħed għalhekk għandu juża t-tabella ta' korrispondenza biex iqabbel l-istatistiki ta' qabel u wara l-2007.

| NACE Rev.1.1<br>INDUSTRY/ ACTIVITY CODE | DESCRIPTION | NACE Rev.2<br>INDUSTRY/ ACTIVITY CODE | DESCRIPTION | INDICATORS |
|---|---|---|---|---|
| D | Manufacturing | C | Manufacturing | Number of enterprises |
| ... | ... | ... | ... | ... |
| DJ | Manufacture of basic metals and fabricated metal products | C244 | Manufacture of basic precious and other non-ferrous metals | |
| DJ27 | Manufacture of basic metals | ... | ... | |
| DJ271 | Manufacture of basic iron and steel and of ferro-alloys | C2442 | Aluminium production | |
| DJ272 | Manufacture of tubes | C2443 | Lead, zinc and tin production | |
| DJ2721 | Manufacture of cast iron tubes | C2444 | Copper production | |
| DJ2722 | Manufacture of steel tubes | C2445 | Other non-ferrous metal production | |
| DJ273 | Other first processing of iron and steel | C2446 | Processing of nuclear fuel | |
| DJ2731 | Cold drawing | C245 | Casting of metals | |
| DJ2732 | Cold rolling of narrow strip | C2451 | Casting of iron | |
| DJ2733 | Cold forming or folding | C2452 | Casting of steel | |
| DJ2734 | Wire drawing | C2453 | Casting of light metals | |
| DJ2735 | Other first processing of iron and steel n.e.c.; production of non-ECSC ferro-alloys (included in DJ271 in NACE Rev.1.1) | C2454 | Casting of other non-ferrous metals | |
| DJ274 | Manufacture of basic precious and non-ferrous metals | C25 | Manufacture of fabricated metal products, except machinery and equipment | |
| DJ2741 | Precious metals production | C251 | Manufacture of structural metal products | |
| DJ2742 | Aluminium production | C2511 | Manufacture of metal structures and parts of structures | |

It-tliet bażijiet tad-dejta li ġejjin huma ġeneralment l-aktar importanti fl-assenza ta' sorsi settorjali[22]: SBS; PRODCOM u COMEXT.

Il-*bażi tad-dejta SBS* (Statistika Strutturali tan-Negozju) tipprovdi dejta f'livell settorjali dettaljat ħafna: in-numru tal-intrapriżi f'settur, in-numru ta' persuni impjegati, id-dħul, il-valur miżjud, l-investiment, il-produttività, is-sehem tal-SMEs fil-valur miżjud u l-impjiegi, eċċ.

*Profil tal-industrija – Dejta ewlenija mill-bażi tad-dejta tal-SBS*




22 Spjegazzjoni dwar il-kontenuti ta' u rabtiet mal-bażijiet tad-dejta prinċipali tal-UE u internazzjonali huma pprovduti fl-Anness III. Fil-każ tal-industrija tal-aluminju, l-organizzazzjonijiet u l-istituti settorjali bħall-Istitut Internazzjonali tal-Aluminju, l-Uffiċċju Dinji tal-Istatistiċi tal-Metall jew l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija.




Il-*bażi tad-dejta PRODCOM* tipprovdi statistika dwar il-produzzjoni ta' oġġetti mmanifatturati: dejta dwar il-volum fiżiku tal-produzzjoni mibjugħ waqt il-perjodu tal-istħarriġ (kg, m$^2$, numru ta' oġġetti, eċċ) and l-valur tiegħu f'Euro.

*Il-profil tal-industrija – dejta mill-PRODCOM (għall-vireg tal-aluminju, kodiċi 24422230)*







Il-*bażi tad-dejta COMEXT* tipprovdi l-valur u l-kwantità ta' oġġetti nnegozjati bejn il-pajjiżi tal-UE u barra l-UE; il-kummerċ tal-UE għal kull Stat Membru, għal kull sieħeb u għal kull grupp ta' prodott; is-sehem tal-UE u diversi aggregazzjonijiet tal-UE (iż-żona tal-euro, EU15, EU12; EU27, eċċ.) fil-kummerċ dinji. Ħafna mill-kodiċi tal-Prodcom jikkorrispondu ma'

wieħed jew numru ta' kodiċi fil-klassifikazzjoni tal-kummerċ barrani magħrufa bħala Nomenklatura Magħquda (NM)[23]

*Nomenklatura magħquda*

**The CN headings with their corresponding Prodcom headings - Year 2009**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **3917 39 15** | **Flexible tubes, pipes and hoses, of addition polymerization products, reinforced or otherwise combined with other materials, seamless and of a length > the maximum cross-sectional dimension, whether or not surface-worked, but not otherwise worked (excl. those with a burst pressure of >= 27,6 MPa)** | | |
| 22.21.29.50 | Plastic tubes, pipes and hoses (excluding artificial guts, sausage skins, rigid, flexible tubes and pipes having a minimum burst pressure of 27.6 MPa) | kg | S |
| **3917 39 19** | **Flexible tubes, pipes and hoses, of plastics, reinforced or otherwise combined with other materials, seamless and of a length > the maximum cross-sectional dimension, whether or not surface-worked, but not otherwise worked (excl. addition polymerization products, condensation polymerization products and rearrangement polymerization products, and products able to withstand a pressure of >= 27,6 MPa)** | | |
| 22.21.29.50 | Plastic tubes, pipes and hoses (excluding artificial guts, sausage skins, rigid, flexible tubes and pipes having a minimum burst pressure of 27.6 MPa) | kg | S |
| **3917 39 90** | **Flexible tubes, pipes and hoses, of plastics, reinforced or otherwise combined with other materials (excl. seamless or cut to length only; tubes with a burst pressure of >= 27,6 MPa)** | | |
| 22.21.29.50 | Plastic tubes, pipes and hoses (excluding artificial guts, sausage skins, rigid, flexible tubes and pipes having a minimum burst pressure of 27.6 MPa) | kg | S |

**Eżempju: It-tfassil tal-profil tas-settur/suq affettwat direttament (l-industrija tal-Aluminju)**

L-Aluminju, l-aktar metall abbundanti fil-qoxra tad-Dinja, huwa prodott relattivament omoġenju. Għandu karatteristiċi speċifiċi (mhux manjetiku, reżistenti għall-korrużjoni,....) li jagħmluh input strateġiku għal ħafna setturi li jvarjaw mill-ajruspazju sa tagħmir tal-kostruzzjoni. Fl-istadju ta' produzzjoni upstream, il-Katina tal-Valur tiegħu tikkonsisti f'estrazzjoni, tidwib/riċiklaġġ u raffinerija. Il-parti downstream tikkonsisti fit-tieni pproċessar u fabrikazzjoni ta' intermedjarji (fabbriki għall-irromblar, estrużuri, fabbriki tal-ikkastjar u produtturi tal-wajer), [...].

L-istadju tal-produzzjoni huwa maqsum f'2 segmenti. L-aluminju primarju huwa prodott bit-tidwib ta' materji prima, filwaqt li l-aluminju sekondarju huwa prodott bit-tidwib tar-ruttam tal-aluminju. L-aluminju primarju (jew mhux maħdum) huwa magħmul fi tliet passi separati. Jiġi estratt il-minerali bauxite. L-ossidu tal-aluminju jiġi mbagħad estratt mill-minerali tal-bauxite f'impjant tal-ossidu tal-aluminju, biex jiġi mibgħut lill-funderija li tipproduċi aluminju (illigat) f'ingotti, ċangaturi, ... L-aluminju sekondarju jiġi prodott bir-raffinar (prodotti li m'għadhomx jintużaw bħal-laned tax-xorb,...) jew billi jiddewbu mill-ġdid (skart industrijali...) […].

Is-settur juża ħafna kapital, riżorsi u enerġija. Is-settur tal-aluminju primarju għandu bżonn 15 Mega Watt kull siegħa biex jipproduċi tunnellata ta' aluminju, kontra 0.75 MWh għall-produzzjoni sekondarja bl-użu tal-iskart. […]

L-Istitut Internazzjonali tal-Aluminju jelenka, għall-2010, 117-il funderija tal-aluminju fid-dinja eskluża ċ-Ċina. Minn dawn, 21 huma fl-UE27, b'7 oħra fin-Norveġja u 4 fl-

[23] Oġġetti impurtati u esportati għandhom jiġu ddikjarati b'dikjarazzjoni taħt liema subintestatura tan-Nomenklatura Magħquda jaqgħu.

Islanda. L-estrazzjoni u l-ipproċessar huwa kkmandat minn numru żgħir ta' kumpaniji multinazzjonali, li huma integrati vertikalment fi stadji sussegwenti tal-produzzjoni f'diversi modi. Fl-UE is-settur huwa ddominat minn sitt kumpaniji; l-akbar tlieta huma ta' oriġini minn barra l-UE ((Hydro, Rio Tinto/Alcan u Alcoa […].

Il-prezzijiet tal-inputs tal-materji prima u tal-prodotti primarji huma stabbiliti jew irreferenzjati permezz tal-Kambju tal-Metalli ta' Londra (LME), il-Kambju tal-Metalli ta' Shanghai jew il-Kambju ta' Chicago. Il-fatturi l-oħra tal-ispiża huma normalment iddeterminati lokalment.

Test illustrattiv ibbażat fost dokumenti oħra fuq Ecorys (2011) u CE Delft (2008)

Barra mill-eżempji ta' hawn fuq, hemm minjiera ta' bażijiet oħra tad-dejta b'informazzjoni utli disaggregata skont is-setturi, u għalhekk potenzjalment utli għal analiżi settorjali. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Investiment fir-R&Ż Industrijali tal-UE għall-innovazzjoni, l-Istħarriġ Ewropew dwar il-Forza tax-Xogħol għal dejta dwar is-suq tax-xogħol, eċċ. L-Anness 2 fih ħafna eżempji oħra.

**Pass 9: Tipprovdi evidenza ta' dejta dwar setturi affettwati indirettament**

Jekk l-iskrinjar kwalitattiv juri impatti indiretti sinifikanti (pożittivi jew negattivi), jista' jkun rakkomandabbli li tirreplika l-passi ta' hawn fuq għal setturi oħra ġewwa jew barra mill-katina tal-valur li jistgħu jkunu affettwati l-aktar. Hawnhekk it-tim tal-valutazzjoni tal-impatt jista' juża l-intuwizzjoni tiegħu jew jiddependi fuq metodi aktar sistematiċi bħall-analiżi tal-input-output u mmappjar u tfassil tal-profil tal-katina tal-valur. Gwida ta' għajnuna dwar l-immappjar u t-tfassil tal-profil tal-katina tal-valur tista' tinsab onlajn f':

http://myintracomm.ec.europa.eu/entr/howwemanage/decisionmaking/Pages/default.aspx

**Pass 10: Ikkwantifika konformità addizzjonali u/jew spejjeż operazzjonali[24] relatati mal-inizjattiva vvalutata**

Dan il-pass huwa l-kontraparti kwantitattiva tal-Pass 5. Jekk fattibbli, jista' jkun utli li jitwettaq it-tfassil tal-profil tas-settur b'deskrizzjoni globali tal-ispejjeż bħal dan li ġej li jikkorrispondi għall-industrija tal-frott tal-baħar:

*Eżempju: L-istruttura tal-ispiża (l-industrija tal-frott tal-baħar) minn www.fao.org*

[24] Kif innutat fil-pass 5 hawn fuq, spejjeż operazzjonali addizzjonali huma dawk l-ispejjeż żejda tal-produzzjoni (ta' oġġetti/servizzi intermedjati u inputs ta' fatturi) li huma involuti bir-regolament il-ġdid, iżda li mhumiex relatati direttament mal-konformità miegħu.




Meta jkun fattibbli u proporzjonat, din it-tip ta' deskrizzjoni tal-istruttura tal-ispiża żżid mar-risposti tal-pass 5 numri li jappoġġjaw il-ftehim tas-sinifikanza tal-impatti pożittivi u negattivi identifikati hemm.[25] Barra minn hekk, b'deskrizzjoni dettaljata biżżejjed tas-setturi, id-deskrizzjonijiet tal-istruttura tal-ispiża jistgħu jinsabu fit-tabelli tal-input-output.[26]

**Pass 11: Ikkwantifika l-impatti mistennija fuq il-kapaċità tal-intrapriżi affettwati għall-innovazzjoni**

Din l-analiżi idealment tinkludi diversi indikaturi tal-input u output fuq l-innovazzjonijiet tas-settur. L-indikaturi tat-Tabella Ewropea ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni[27] jikkostitwixxu punt tat-tluq raġjonevoli. Id-dejta tista' tinsab fis-sit elettroniku tal-Istatistika tal-Innovazzjoni tal-Komunità (CIS):

http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/microdata/cis

Din il-bażi tad-dejta u oħrajn relatati jistgħu jgħinu fil-bini tal-valutazzjoni kwantitattiva li ssegwi l-impatti identifikati fil-Pass 6. Id-dejta tista' tinkiseb ukoll mill-kamra industrijali tas-settur korrispondenti. Dawn jistgħu tipikament jipprovdu, jekk meħtieġ, pubblikazzjonijiet u dejta, u jistgħu jgħinuk tipproġetta l-impatti futuri tal-għażla tal-politika fuq il-kapaċità tas-settur għall-innovazzjoni. Ideat addizzjonali jistgħu jinsabu fit-taqsima 8.5 tal-Annessi mal-Linji Gwida tal-valutazzjoni tal-impatt.

25 Il-linji gwida tal-valutazzjoni tal-impatt (il-Kapitolu 10 p. 46-60) fihom gwida dettaljata pass pass dwar il-valutazzjoni tal-ispiża tal-obbligi tal-informazzjoni (il-Mudell tal-Kost Standard tal-UE).

26 Il-Manwal tal-Provvista, l-Użu tal-Eurostat u t-Tabelli tal-Input-Output (2008), il-Kapitolu 11

27 Żur http://www.proinno-europe.eu/metrics

**Pass 12: Ikkwantifika l-impatti mistennija fuq il-kompetittività internazzjonali tas-settturi affettwati**

Il-Linji Gwida tal-valutazzjoni tal-impatt jipprovdu gwida dwar il-valutazzjoni kwalitattiva tal-impatt probabbli tal-proposta fuq il-kummerċ internazzjonali u l-flussi tal-investiment (l-Annessi għal-Linji Gwida tal-valutazzjoni tal-impatt, it-taqsima 8.7). L-għan ta' dan l-aħħar pass tal-prova ta' kompetittività huwa li joffri appoġġ:

1. fl-applikazzjoni tat-taqsima 8.7 tal-linji gwida tal-valutazzjoni tal-impatt għas-settur(i) affettwat(i), u
2. fil-kwantifikazzjoni tal-impatti mistennija fuq il-kompetittività internazzjonali tas-setturi.

Hemm numru kbir ta' indiċi standard li huma maħsuba li jirriflettu l-pożizzjoni internazzjonali ta' ekonomija u d-ditti tagħha. Xi wħud mill-iżjed komuni użati huma:

- Il-*proporzjoni tal-istokk eżoġenu mal-valur miżjud* jindika l-kontribuzzjoni tal-IDB għall-formazzjoni tal-kapital u juri l-attrattività tal-pajjiż ospitanti.

- Il-*proporzjon tal-istokk endoġenu mal-valur miżjud* huwa indikatur tas-saħħa korporattiva, meta l-kumpaniji jmorru barra mill-pajjiż biex jaħtfu opportunitajiet minn swieq u riżorsi barranin.

- L-ishma tas-suq tal-esportazzjoni juru kemm mill-esportazzjoni "dinjija" totali huwa kopert bl-esportazzjoni ta' pajjiż partikolari għal kull industrija. Jirriflettu l-kapaċità li jirrispondu għal domanda esterna jew jiftħu swieq ġodda meta mqabbla direttament mal-kompetituri internazzjonali.

- Vantaġġ Komparattiv Żvelat (RCA) iqabbel is-sehem tal-esportazzjonijiet ta' industrija partikolari fl-esportazzjonijiet kollha ta' manifattura tal-UE bis-sehem tal-esportazzjonijiet tal-istess industrija ta' grupp ta' pajjiżi ta' referenza.

- Bilanċ Relattiv tal-Kummerċ (RTB) iqabbel il-bilanċ tal-kummerċ ta' komodità partikolari mal-volum totali tal-kummerċ, esportazzjonijiet u importazzjonijiet.

- Kost Relattiv ta' Unità Lavorattiva (KRUL) ikejjel il-kost tax-xogħol f'industrija partikolari relattiv mal-produttività tagħha (kost ta' unità lavorattiva) u relattiv mal-indiċi korrispondenti f'pajjiż ieħor.

Filwaqt li RCA u RTB jirriflettu l-pożizzjoni ta' industriji individwali fis-suq dinji, KRUL jirrifletti l-kapaċità li jibqgħu kompetittivi. Bidliet f'dawn l-indiċi juru f'liema industriji l-Ewropa qed tiżviluppa vantaġġ jew żvantaġġ komparattiv. Madankollu, għandhom jiġu interpretati b'attenzjoni: mil-lat aggregat, it-telf tal-kompetittività f'industrija individwali jista' jirrifletti sew il-prestazzjoni superjuri tal-esportazzjoni ta' industriji domestiċi oħra. Pereżempju, l-apprezzament tal-Euro jista' jiggrava l-pożizzjoni kompetittiva ta' industrija partikolari, iżda jista' jirrifletti biss tkabbir qawwi fil-produttività f'industriji oħra, u għalhekk esportazzjonijiet qawwija u żieda fid-domanda għall-euro.

Kwistjoni oħra hija dik tal-kontenut domestiku tal-esportazzjonijiet. Pereżempju, kwalunkwe pajjiż involut fil-montatura tal-elettroniċi se jirrekordja sehem kbir tal-esportazzjonijiet tal-

elettroniċi li ma jirriflettix l-istruttura attwali tal-produzzjoni tal-pajjiż, u jkabbar l-indiċi tal-RCA b'mod artifiċjali.

Vantaġġ komparattiv jista' jiġi mistħarreġ bl-użu ta' flussi tal-kummerċ permezz tal-indiċi tal-vantaġġ komparattiv żvelat (RCA), li jkejjel il-livell ta' speċjalizzazzjoni tal-UE f'settur partikolari. Għal kull settur fl-UE, jiġi maħdum is-sehem tal-esportazzjonijiet fl-esportazzjonijiet totali tal-UE u mbagħad imqabbel mas-sehem tal-esportazzjonijiet dinjija tas-settur fl-esportazzjonijiet dinjija totali. Għal settur partikolari, indiċi tal-RCA akbar minn wieħed juri li dan huwa settur fejn l-UE tesporta relattivament aktar mill-medja dinjija, u huwa interpretat bħala li l-Ewropa għandha vantaġġ komparattiv f'dan is-settur.

L-Anness 2 jipprovdi lista itwal ta' sorsi ta' dejta u indikaturi li jistgħu jintużaw biex jivvalutaw il-kompetittività tal-industrija tal-UE fis-suq dinji. Fih ukoll links għal dokumenti statistiċi jew siti li jipprovdu l-valuri għal dawn l-indiċi. Pereżempju, l-annessi statistiċi tar-"Rapport dwar il-Kompetittività Ewropea" (ECR) annwali jipprovdu definizzjoni operazzjonali u figuri relatati għall-aħħar 10 snin fil-livell tas-settur.

## Anness 1

## Eżempji ta' skrinjar kwalitattiv tal-impatti tal-kompetittività

## 1. L-inizjattiva tal-politika: Il-projbizzjoni ta' sustanzi perikolużi

Ċerti sustanzi jew prodotti jista' jkollhom karatteristiċi perikolużi. Dan jeħtieġ immaniġġjar xieraq tar-riskju li jiżen il-benefiċċji u l-ispejjeż ta' tali sustanzi li qed jintużaw fil-proċess tal-produzzjoni jew li qed jitqiegħdu fis-suq. Abbażi tas-severità tar-riskju, il-projbizzjoni ta' sustanza tista' tkun għażla tal-politika. Meta r-riskju huwa prinċipalment fir-rigward tas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, il-projbizzjoni tal-użu tas-sustanza fil-proċess tal-produzzjoni tista' tkun għażla tal-politika. Meta r-riskju jkun ġej mis-sustanza li tinsab fil-prodott finali (risku tas-sikurezza tal-prodott), tista' tiġi kkunsidrata projbizzjoni ta' "tqegħid fis-suq Ewropew".

**Effetti diretti**

Jekk in-negozji Ewropej mhumiex awtorizzati aktar biex jużaw is-sustanza (projbizzjoni ta' "sikurezza fuq il-post tax-xogħol", jitilfu opportunità tan-negozju fis-suq tal-UE u fis-swieq tal-esportazzjoni. Dan it-tip ta' projbizzjoni jagħti vantaġġ kompetittiv lill-produtturi li mhumiex fl-UE minħabba li dawn ikunu permessi li jkomplu jqiegħdu l-prodott fis-suq fl-Ewropa kif ukoll fil-bqija tad-dinja mingħajr ristrutturar maġġuri tal-proċess tagħhom tal-produzzjoni.

Jekk in-negozji Ewropej mhumiex awtorizzati aktar li jqiegħdu s-sustanza fis-suq (projbizzjoni ta' "tqegħid fis-suq Ewropew", jistgħu jkomplu jipproduċu fl-Ewropa għall-finijiet ta' esportazzjoni filwaqt li produtturi mhux fl-UE jitilfu s-suq Ewropew. Billi s-suq domestiku huwa tipikament ta' importanza speċjali għall-produtturi (Ewropej), jista' jkun hemm telf għall-produtturi Ewropej minħabba l-ekonomiji ta' skala. Madankollu, dan l-effett aktarx ikun anqas sever minn dak ta' projbizzjoni tas-sustanza ta' "sigurtà fuq il-post tax-xogħol". Benefiċċju potenzjali huwa l-isforzi tal-innovazzjoni li projbizzjoni aktarx tipprovoka sabiex jitfittex sostitut għas-sustanza pprojbita jew għal metodi alternattivi ta' produzzjoni.

Iż-żewġ tipi ta' projbizzjoni jistgħu jirriżultaw fi spejjeż żejda għall-industriji tal-klijenti jekk m'hemmx sustanza simili bi prezz simili. Dan se jkun bi spiża żejda, jekk wieħed jassumi li l-proċess tal-produzzjoni kien sa issa l-anqas wieħed għoli. Jekk m'hemmx input simili, il-kumpaniji tal-klijenti Ewropej ikollhom jirridisinjaw it-taħlitiet u l-prodotti tagħhom, li tipikament jeħtieġ sforzi addizzjonali u ta' forniment minn qabel ta' flus ta' R&Ż.

Jekk il-kumpaniji tal-klijenti ma jsibux input simili bi prezz simili, ikollhom ibiddlu l-prezzijiet tagħhom. Dan jista' jnaqqas il-bejgħ tagħhom jekk jeżistu prodotti ta' sostituzzjoni u jekk il-klijenti tagħhom jiffaċċjaw spejjeż baxxi ta' tibdil biex ibiddlu l-bejjiegħa. Sabiex jiġi evitat dan, il-kumpaniji jistgħu jnaqqsu wkoll il-marġini tagħhom ta' profitt. Bejgħ anqas u/jew profitabbiltà anqas jistgħu t-tnejn jimminimaw il-kapaċità tagħhom ta' sopravivenza fit-tul.

**Effetti indiretti**

It-tfittxija għas-sostituti toffri opportunitajiet ġodda ta' negozju għal dawk li jipproduċu u jqiegħdu fis-suq is-sostituti. L-opportunitajiet ġodda tan-negozju għandhom ikunu ta' daqs simili għal dawk li jitilfu opportunitajiet tan-negozju minħabba l-projbizzjoni, sakemm is-sostitut joffri prestazzjoni simili bi spiża simili. Ovvjament, se jkun jiddependi fuq affarijiet oħra jekk is-sostitut jiġix prodott ġewwa jew barra l-Ewropa.

Fil-każ li s-sostitut kien ta' prestazzjoni anqas mis-sustanza pprojbita, il-benefiċċji għall-konsumaturi se jonqsu, li jikkawża telf fil-benesseri minħabba dan.

Effetti anqas diretti jistgħu jiġu minn kanali mhux suspettati. Pereżempju, it-tfittxija għal sostituti barra mill-pajjiż tista' tiffaċilita l-internalizzazzjoni tal-SMEs billi jiżdiedu l-ħiliet multilingwi u l-kuntatti tagħhom. Iż-żieda fil-ħiliet interni tal-lingwa f'sens wiesa' jinvolvi spejjeż żejda fuq żmien qasir iżda vantaġġ eventwali minn hemm 'il quddiem fl-aċċess għas-swieq u l-klijenti barranin.

**Għażla anqas ta' ħsara**

- Ara jekk hijiex neċessarja u proporzjonata projbizzjoni assoluta minħabba li jista' jkun hemm disponibbli għażliet ta' mmaniġġjar tar-riskju anqas radikali, bħal informazzjoni aħjar tal-klijenti, restrizzjonijiet tal-bejgħ lill-klijenti esperti jew immaniġġjar aħjar tar-riskju fil-post tax-xogħol. Pereżempju, huwa proporzjonat li tiġi pprojbita sustanza użata biex jinksew lentijiet użati fi strumenti mediċi, meta l-kwantità użata hija żgħira ħafna u meta l-lentijiet huma ssiġillati fil-magna, li jipprevjeni kwalunkwe kuntatt mal-operaturi?

- Offri perjodu tranżitorju waqt li tqis iċ-ċiklu tal-iżvilupp tal-prodotti affettwati u l-proċessi tal-manifattura, jekk l-industrija taċċetta li tinforma aħjar u tħarreġ lil dawk li jipproduċu u jużaw prodotti riskjużi.

- Ippermetti l-użu/l-bejgħ ta' stokkijiet eżistenti.

## 2. L-inizjattiva tal-politika: Ir-restrizzjoni ta' reklami li jimmiraw it-tfal

Il-projbizzjoni ta' "reklam li jimmira t-tfal" għandha l-għan li tipproteġi t-tfal (u l-ġenituri tagħhom) mill-manipulazzjoni meta mhumiex konxji tal-effetti tar-reklamar. Issegwi l-filosofija li l-aħjar mod li tiġi evitata din il-manipulazzjoni huwa li tipprojbixxiha mill-ewwel.

